# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 12 ta' Ottubru, 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Christopher Shepherd**

**Kumpilazzjoni Nru: 507/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Christopher Shepherd detentur tal-Karta ta' l-Identita' Maltija numru 19870G.

Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn il-21 u t-22 ta' April 2003 ikkommetta serq ta' hwejjeg u/jew oggetti ohra minn gewwa hanut bl-isem Lady Land sitwat gewwa Triq it-Torri, tas-Sliema liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta' LM1,000 (€2,329.37) u bil-hin ghad-detriment ta' Silvana Debono u/jew ta' xi persuna/i u /jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra.

Il-Qorti giet mitluba titratta ma' Christopher Shepherd bhala recediv ta' sentenzi li sar definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni ankw wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet lill-ufficjal tal-probation Maria Mifsud.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qoerti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li r-reati odjerni sehhew fis-sena 2003[1], li min dak in-nhar sa' llum l-imputat irriabilita lilu nnifsu, qed jghix hajja ordnata, ghandu impieg u aktar minn hekk huwa lest li jhallas lill-parte leza l-valur ta'l-oggetti misruqa.

[1] Ic-citazzjoni kontra l-imputat giet prezentata fit-22 ta' Gunju 2015 ghaliex kien biss aktar kmieni din is-sena li nstabu provi li jorbtu lill-imputat ma' l-akkadut.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 24 ta'l-istess Kapitolu 446 qed tordna lill-imputat biex ihallas lill-parte leza s-somma ta' elf erbgha mija wiehed u tlettin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€1,431.81) liema hlas ghandu jsir f'pagamenti mensieli ta' mitejn Euro (€200) b'l-ewwel pagament fil-15 ta' Novembru 2015. In oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tordna lill-imputat biex fi zmien tmintax il-xahar ihallas is-somma ta' sebgha mija wiehed u erbghin Euro u wiehed u tmenin ventezmu (€741.81), rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti, lir-Registratur ta' din l-Qorti.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-ufficju tal-probation.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**